MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1272/2002/1

**Emanuela Vella, Emanuel Sammut u Victoria Sammut**

**vs**

**Joseph u Leah konjugi Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u erbghin lira Maltija (Lm540.00) rapprezenatnti dan sofferti mill-istess, u dana wara li l-konvenut Joseph Attard, volontarjament ikkawza sarta fl-ucuh tar-raba, misrugha mill-atturi fi "Gnien Ingraw" u raba' iehor fil-Mellieha mqabbel ghand l-atturi;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-13 ta' Gunju, 2002, li fiha ntqal:**
**i. Illi qabel xejn dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza li jillikwida dan, u d-danni mitluba ma jistghux arbitrarjament jigu decizi mill-parti li qed titlobhom, imma qabel xejn irid ikun hemm dikjarazzjoni ta' responsabilita`, haga li dan it-Tribunal ma jistax jaghmel;**
**ii. Illi fuq il-mertu ta' dan il-kaz hemm zewg kawzi pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;**
**iii. Illi l-konvenuti m'ghamlu l-ebda hsara lill-atturi u l-konvenut hadem biss l-art li ilu jahdem ghal aktar minn tletin sena u ghalhekk m'ghandhom ihallsu l-ebda danni.**

**Illi b'digriet tat-18 ta' Gunju, 2002, in vista tat-tieni eccezzjoni sollevata, it-Tribunal ordna lill-konvenut sabiex jindika liema huma l-kawzi pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li ghalihom qed issir referenza.**

**Ra d-digriet ta' l-4 ta' Lulju, 2002 li biha t-Tribunal cahad l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal.**
**Ra n-nota tal-konvenut tad-19 ta' Settembru, 2002, li biha indika li hemm is-segwenti kawzi pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili : Citaz. Nru.1117/01JRM fl-ismijiet « Emanuela Attard illum Vella vs Joseph Attard », u l-kawza Citaz. Nru.875/01JRM fl-ismijiet Joseph u Leah Attard vs Victoria Sammut et ».**

**Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw it-tieni eccezzjoni. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din id-decizjoni qed tigi limitata ghat-tieni eccezzjoni**
**2. Jibda biex jinghad illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-ezitu ta' din il-kawza ser jiddependi fuq il-punt dwar min ghandu dritt fuq l-art, fatt li qed**

**jigi investigat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li l-ezitu ta' dan il-kaz hu intrinsikament marbut mieghu.**
**3. L-Artikolu 7(2) tal-Kap.380 tal-Ilgijiet ta' malta jipprovdi fost ohrajn li: "It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk: (b) ikun hemm pendenti quddiem Qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu."**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata u jissospendi l-procedimenti odjerni sine die sakemm jigu decizi l-kawzi li ghalihom saret referenza.**

**Spejjez riservati ghal-gudizzju finali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------